MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 441/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremetta :

Illi il-partijiet izzewgu fl-1 ta’ Mejju tas-sena 1977 u minn dan iz-zwieg twieldu tliet (3) ulied, illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom separati *de lege* sa mis-sena 2002, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni personali in atti Nutar Carmel Gafa’ LL.D., hawn anness u mmarkat Dok A;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikconciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ snin mifrudin minn ma’ xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma’ xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha eccepiet:

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet izzewgu nhar l-ewwel (1) ta’ Mejju tas-sena elf disgha mija sebgha u sebghin (1977) u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li illum huma kollha maggorenni;
2. Illi l-esponenti tikkonferma ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Gafa sa mit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002);
3. Illi l-esponenti tikkonferma illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;
4. Illi l-esponenti tirrileva illi m’hemmx arretrati ta’ manteniment pendenti;
5. Illi l-esponenti tixtieq tiprevalixxi mill-fakulta illi tirriverti lura ghal kunjomha xebba u cioe’ Psaila;
6. Illi ghalhekk l-esponenti tirrileva illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant, tablet li din il-Qorti joghgobha tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;

Tant x’ghandha umilment x’tissottometti l-esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Settembru 2013;

Rat illi permezz tar-risposta taghha l-intimata talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe’ Psaila;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet il-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Jannar 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Psaila, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------